MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Rikors Numru. 256/2008

Martin Mifsud u martu Rita Mifsud
vs
Marika Almerigo

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Marika Almerigo li bih esponiet:

Illi permezz ta’ rikors datat 25 ta’ Frar 2008 l-intimati-esekutanti f’dawn il-proceduri talbu u ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bin-numru hawn fuq indikat kontra r-rikorrenti-esekutata fl-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u sittin elf tmien mija u hamsa u sebghin Euro [465,875 Ewro] ekwivalenti ta’ mitejn elf lira Maltin [Lm200,000] u bil-kawzali indikati bhala ‘ammont li l-intimata serqet lill-esponenti tul iz-zmien li hadmet bhala kaxxiera fil-hanut taghhom Martin’s Bakery, f’Mensija Rd., San Gwann, u li dwaru ttiehdu proceduri kriminali kontra l-intimata’.

Illi l-mandat ta' inibizzjoni de quo li hu anness mar-rikors u mmarkat bhala Dokument 'MA1' m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi d-digriet datat 25 ta' Frar 2008, ghandu jigi revokat 'contrario imperio' minnufih u dana billi ma giex osservat l-Art 875 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta [Ara digriet datat 22 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet 'Christopher Xerri vs John u Marthese konjugi Grima et' moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili – Dok 'MA2'].

2. Illi r-rikorrenti-esekutata tirrileva fl-ewwel lok li hija tichad kategorikament l-allegazzjoni hekk kif avvanzata mill-intimati-esekutanti.

3. Illi fit-tieni lok, il-proceduri kriminali hemm imsemmija fil-konfront taghha ghadhom pendenti u hemm cahda totali min-naha taghha ta' l-akkuzi hekk kif dedotti kontra taghha.

4. Illi r-rikorrenti-esekutata tirrileva li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mill-initmati-esekutanti hu wiehed b'mod lampanti eccessiv u ghalhekk l-initmati-esekutanti f'dawn il-proceduri jridu almenu jgibu xi tip ta' prova kif waslu ghall-imsemmi ammont ghalkemm il-mandat intlaqa' minghajr ma gie appunatat u anke minghajr ma saret notifika lill-parti l-ohra halli r-rikorrenti-esekutata tkun f'posizzjoni tkun tista' twiegeb qabel ma jintlaqa' b'mod definittiv l-imsemmi mandat.

5. Illi apparti l-fatt ta' eccessivita` ta' l-ammont hekk kif mitlub l-intimati-esekutanti zammet bazikament il-proprjeta` immobiljari kollha tar-rikorrenti-eskutata u ghalhekk oltre milli kkwatelaw xi pretensjoni li jistghu f'dan l-istadju u 'prima facie' jistghu ikollhom fil-konfront tar-rikorrenti-esekutata.

6. Illi m'hemmx dubju li dan il-mandat hareg kif hareg b'malizzja fil-konfront tar-rikorrenti-esekutata u dana bil-ghan illi r-rikorrenti tkun f'pozizzjoni li ma tistax ticcaqlaq finanzjarjament. Ghalhekk din il-Qorti ghandha timponi penali fil-konfront ta' l-intimati-esektanti.

7. Illi f'kaz li din il-Qorti ma takkoljix it-talba tar-rikorrenti-esekutata halli jigi revokat dan il-mandat, ir-rikorrenti-esekutanta xorta wahda thoss li, anke minhabba l-fatt tal-ammont li ghalih sat l-imsemmi mandat ghandha tigi imposta garanzija fuq, l-intimati-esekutanti u dana tezisti 'kawza gusta' fit-termini tal-ligi halli tigi imposta tali garanzija ai termini ta' l-Art 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, ir-rikorrenti-esekutata talbet lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tittratta tali rikors b'urgenza tenendo kont ic-cirkostanzi hawn fuq spjegati.

2. Tirrevoka, thassar u tikkancella 'contraio imperio' d-digriet taghha datat 25 ta' Frar 2008.

3. F'kaz li ma tintlaqax it-tieni talba, tirrevoka, thassar u tikkancella in toto od in parte l-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq indikat ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tikkundanna lill-initmati-esekutanti sabiex ihallsu lir-rikorrenti-esekutata dik is-somma ta' mhux anqas minn hames mitt lira Maltin u mhux aktar minn tlett elef lira Maltin bhala penali u dan ai termini ta' l-Artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fin-nuqqas li tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lill-initmati-esekutanti sabiex, a tenur ta' l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq indikat.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Martin u Rita konjugi Mifsud li biha esponew:

1. Illi huma gew notifikati bid-digriet ta’ dina l-Qorti tal-20 ta’ Marzu 2008, fl-1 ta’ April 2008.

2. Illi t-talbiet ta’ Marika Almerigo, kif dedotti fir-rikors taghha ipprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2008 ma jimmeritawx li jigi milqugha ghar-ragunijiet segwenti:

2.1 It-talba ghar-revoka tal-Mandat ta’ Inibizzjoni qed issir fit-termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12. Skond dan l-artikolu tali rikors irid isir fl-Atti tal-Mandat, pero` jekk tkun saret il-kawza, ir-rikors jinhtieg li jsir quddiem dik il-Qorti, li ghandha tisma’ l-kawza u cioe` r-rikors irid isir fl-atti tal-kawza, u mhux fl-atti tal-mandat.

2.2 Fil-kaz in ezami l-mandat ta’ inibizzjoni gie milqugh b’digriet tal-25 ta’ Frar, 2008, ir-rikorrenti kredituri ipprezentaw il-kawza fl-4 ta’ Marzu 2008 – Rikors Numru 225/08CFS. Ir-rikors odjern ta’ Marika Almerigo gie ipprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2008, cioe` wara li kienet gja giet prezentata l-kawza mill-intimati.

2.3 Il-fatt li dan ir-rikors ma giex ipprezentat bejn il-25 ta’ Frar 2008, data tad-digriet fejn gie milqugh il-mandat ta’ inibizzjoni, u l-4 ta’ Marzu 2008, data tal-prezentata tal-kawza, ifisser li l-mandat illum ma jistax jigi impunjat, billi skond l-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap 12 wahda mir-ragunijiet li tiggustifika revoka tal-mandat, hi proprju dik, li ma ssirx il-kawza fit-terminu impost mill-ligi.

2.4 L-allegazzjoni ta’ Marika Almerigo ta’ malizzija, u ta’ pretensjonijiet eccessivi da parti tal-intimati huma manifestament infondati. Marika Almerigo, abbuzat mill-posizzjoni fdata li kellha, u prattikament, faqqret lill-intimati. Hu sufficjenti li wiehed ihares lejn ir-ricerki, mnejn jirrizulta li ghandha dejn kbir, b’terminu perortorju ghall-hlas, li jispjega l-approprazzjoni indebita minnha tal-flus ta’ l-initmati.

2.5 Marika Almerigo mhi bl-ebda mod gustifikata li ticcensura l-proceduri kawtelatorji tal-initmati li kienu provokati biss, u konsegwenza ta’ l-agir illegali taghha. Dan l-inkwiet l-initmati, ma kellhomx bzonnu. Dan qed

jinghad referibilment ghat-talba ta’ Marika Almerigo ghall-hlas ta’ penali skond l-Artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-Kap 12, u tal-hlas ta’ garanzija, skond l-Artikolu 838A tal-Kap 12, cioe` t-talbiet 4 u 5 tar-rikors.

3. Illi l-initmati ghalhekk issottomettew li t-talbiet ta’ Marika Almerigo, kif dedotti fir-rikors taghhaipprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2008, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Hemm diversi punti relevanti ghal dak imsemmi fir-rikors ta’ Marika Almerigo u r-risposta ta’ Martin u Rita konjugi Mifsud. Qabel xejn il-Qorti sejra tikkwota l-artikoli relevanti u cioe` l-Kap 12 art 836 u 875:

“836 (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin”…

“875 (3) Il-qorti g]andha, wara li tappunta g]as-smig], tidde`iedi dan ir-rikors, wara li tisma’ kull xhieda li jidhrilha xierqa, u dan fl-iqsar \mien possibbli i\da mhux aktar tard minn xahar mill-[urnata li [ie pre\entat u ma]luf il-mandat.”

Il-konjugi Mifsud qed isostnu li t-talba ghar-revoka tal-mandat saret fit-termini ta’ l-artikolu 836 tal-Kap 12 u li tali talba ssir fl-atti tal-mandat pero` jekk tkun saret kawza ir-rikors jenhtieg li jsir quddiem dik il-Qorti li ghandha tisma’ l-kawza u li ghalhekk ir-rikors irid isir fl-atti tal-kawza u mhux fl-atti tal-mandat.

Huwa veru li l-imsemmi artikolu 836 jaghmilha cara li r-rikors ghandu jsir lil-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella jekk tkun saret il-kawza jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qed tittratta dik il-kawza. Jidher car li l-Qorti f'dan il-kaz dejjem hija l-Prim'Awla. Id-distinzjoni li qed taghmel il-ligi hija riferibbli aktar ghall-gudikant li jippresjedi dik il-Qorti f'dak il-kaz partikolari b'mod li normalment ir-rikors imur ghand il-gudikant li jkun qed jiehu hsieb l-atti f'dak il-perjodu u sakemm ma tkunx giet prezentata kawza normalment jisma' wkoll xi rikors ghar-revoka izda li wara li tkun giet intavolata kawza u assenjata, rikors ghar-revoka jmur quddiem l-istess Prim'Awla izda kif presjeduta minn dak l-Imhallef li jkun qed jisma' l-kawza. Id-difensur tal-konjugi Mifsud jissolleva li r-rikors ghar-revoka messu sar fl-atti tal-kawza u mhux fl-atti tal-mandat u jsemmi li l-Mandat ta' Inibizzjoni gie degretat fil-25 ta' Frar 2008 u li l-konjugi Mifsud ipprezentaw il-kawza fl-4 ta' Marzu 2008 (Rikors numru 225/08) waqt li r-rikors ghar-revoka gie prezentat fis-17 ta' Marzu 2008, cioe` wara li kienet gja giet prezentata l-kawza mill-esponenti. Jinghad li sewwa ghamel ir-Registratur li baghat ir-rikors ghas-smiegh ghal quddiem il-Qorti kif presjeduta, izda l-konjugi Mifsud isostnu li la darba r-rikors ma giex prezentat bejn il-25 ta' Frar 2008 u l-4 ta' Marzu 2008 il-mandat ma jistax jigi impjunat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja. Jekk ir-rikorenti dehrliha li ghandha titlob ir-revoka kien dritt taghha taghmel dan. Mill-verbal tat-3 ta' April 2008 jirrizulta li Marika Almerigo ghadha ma gietx notifikata sal-imsemmija data bir-rikors guramentat u ghalhekk is-sens logiku huwa wiehed, u cioe` kif setghet Marika Almerigo tintavola r-rikors ghar-revoka fl-atti tal-kawza meta din ma kenitx taf biha? Ghal din ir-raguni tichad din l-eccezzjoni.

Il-bazi tat-talba ghar-revoka ta' l-imsemmi mandat hija dik bazata fuq l-artikolu 875(3) li jaghmilha mandatarja fuq il-Qorti li tappunta r-rikors ghas-smiegh u li wara li tisma kull xhieda li jidhrilha xierqa tiddeciedi r-rikors. Il-ligi fl-imsemmi artikolu 875(2) jaghti l-kakulta` lill-Qorti li ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir

taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha mehtiega u sussegwentement tipprovdi definittivament. Mill-atti jirrizulta li fil-kaz tal-Mandat ta' Inibizzjoni 270/08 dan ma sarx u ma jirrizultax li l-Mandat gie milqugh provizorjament izda b'mod definit bil-kliem "Akkordat", firma u data. Ma jidhirx li l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh u f'dak l-istadju deciz b'mod definit b'mod li ghalhekk dak li jistipula l-artikolu 875(3) ma giex segwit. Il-fatt li in segwitu giet intavolata l-kawza fil-fehma tal-Qorti ma jistax ibiddel dak li ried il-legizlatur u li dahhal bl-Att XIV/2006.102 meta saret mandatarja s-smigh tar-rikors.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Minhabba din ir-raguni filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet 2.1, 2.2 u 2.3 ta' l-intimati Mifsud, tilqa' t-talba numru 2 ta' Marika Almerigo u tirrevoka, thassar u tikkancella ***contrario imperio*** d-digriet datat 25 ta' Frar 2008.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------